

# Il-festa tal-Assunta fil-Mosta: mit-tiżjin għat-tagħlim (2)

*minn Jeffrey Galea B.A. (Hons.) Geography*

Fl-artiklu tiegħi ppubblikat fl-annwal tas-sena l-oħra kont tajt ħarsa lejn ir-rappreżentazzjonijiet ikonografiċi ta' Sant'Anna u San Ġwakkin li nsibu fil-festa u l-knisja tal-Mosta. Minħabba li dawn ix-xbihat huma ta' natura reliġjuża nagħmlu sew jekk naraw fihom tifsira aktar profonda mill-estetika li tpaxxi l-għajn. Għalhekk kont tajt deskrizzjoni ta' x'tagħrif għandna dwar il-ħajjiet ta' dawn iż-żewġ qaddisin. L-artiklu ta' din is-sena jkompli fuq l-istess linja billi jagħti deskrizzjoni tal-istatwi ta' anġli li jiffurmaw parti mill-armar ta' barra tal-festa tal-Assunta fil-Mosta u jagħti informazzjoni dwar ir-rwol tal-anġli fit-twemmin tagħna b'enfasi fuq l-arkanġli San Mikiel u San Gabriel.

## *L-anġli min huma?*

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li l-anġli huma ħlejjaq ta' natura spiritwali mogħnija b'intelliġenza u rieda tajba. Fir-rwol tagħhom ta' qaddejja u messaġġiera t'Alla, huma jiżbqu fil-perfezzjoni lil kull ħlejqa viżibbli. Kien fil-fatt Ġesù Kristu stess li qal li huma 'dejjem jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet"[1].

L-anġli jissemmew f'għadd ta' kotba mqaddsa. Sa mill-ewwel ktieb, jiġifieri dak tal-Ġenesi, nsibu li Alla "qiegħed il-kerubini n-naħa tal-Lvant tal-ġnien tal-Eden, u s-sejf tan-nar iżiġġ, biex iħarsu t-triq għas-siġra tal-ħajja"[2]. Aktar 'il quddiem, fl-istess ktieb insibu żewġ anġli li jipproteġu lil Lot (in-neputi ta' Abraham) minn folla ta' nies inkurlati li riedu jħebbu għalih u għall-familja tiegħu fil-belt ta' Sodoma[3]. Meta Abraham kien ser joffri lil ibnu Iżakk bħala sagrifiċċju lil Alla "sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet" u waqqfu minn dak li kien ser jagħmel[4]. Kien ukoll anġlu ta' Alla li għamel il-qalb lil Hagar meta kienet tinsab mitlufa ma' binha Ismael fid-deżert ta'Birsaba[5].

Lil hinn mill-ktieb tal-Ġenesi naraw li l-anġli kellhom sehem f' diversi kotba oħrajn tar-Rabta l-Qadima. Ta' min isemmi fost l-oħrajn l-anġlu protettur li Alla wiegħed lill-poplu tiegħu fid-deżert tas-Sinaj biex iħarsu u jmexxieh sal-art imwegħda[6]. Fil-ktieb tal-Imħallfin naraw imbagħad is-sejħa li Alla għamel lil Gidgħon permezz tal-anġlu tiegħu, sabiex jeħles lil Iżrael minn idejn il-Midjanin[7]. Aktar tard, Alla jibgħat l-anġlu tiegħu lill-mara ta' Manuħa li kienet sterili u jħabbrilha li "se titqal u tiled iben" li "jibda jeħles lil Iżrael minn id il-Filistin"[8].

Fil-ktieb ta' Isaija nsibu dehra li permezz tagħha Alla jagħmel is-sejħa tiegħu lil dan il-profeta. Hawnhekk naraw li s-serafini li kienu jinsabu "'il fuq mit-tron ta' Alla" kienu "jgħajjtu u jwieġbu lil xulxin 'Qaddis, Qaddis, Qaddis hu l-Mulej tal-eżerċti'", kliem li jfakkarna f'dak li aħna ngħidu f'kull quddiesa qabel il-konsagrazzjoni[9].

Jekk imbagħad induru lejn il-kotba tar-Rabta l-Ġdida nsibu li l-anġli jissemmew f'diversi episodji evanġeliċi. Hekk naraw li l-anġli huma ħabbara tat-twelid u l-qawmien ta' Ġesù Kristu, jikkomunikaw ma' San Ġużepp fil-ħolm sabiex jipproteġu lit-




*Wieħed mill-anġli magħrufin bħala 'tal-kuruna ż-żgħira', li nħadmu minn Vincenzo Cremona.*




*Wieħed mill-anġli li nħadmu aktarx minn Karmnu Mallia armat fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' din is-sena fl-okkazjoni tal-festi speċjali li saru sabiex ifakkru l-100 sena mill-Kungress Ewkaristiku tal-1913. Ta' kull sena dawn l-anġli jintramaw kemm mal-planċier tal-banda fil-festa kif ukoll mas-sepulkru fil-Ġimgħa l-Kbira. (Ritratt: Mark Micallef)*






It-tliet anġli ż-żgħar tal-kartapesta, xogħol ta' Karlu Darmanin, li oriġinarjament kienu jintramaw fuq il-fjokk tal-lampier il-prim tal-knisja.




Wieħed mill-anġli magħrufin bħala 'tal-kuruna l-kbira', xogħol ta' Karlu Darmanin.



Iż-żewġ statwi tal-anġli ż-żgħar, maħduma minn Vincenzo Cremona, kif bdew jintramaw mill-2011 'il quddiem.

tfajjel Ġesù mill-qilla ta' Erodi, jaqdu lil Ġesù fid-deżert u jagħmlulu l-qalb waqt il-passjoni fil-Ġnien taż-Żebbuġ. Fil-ktieb tal-Atti l-anġli jissemmew ukoll fit-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu fejn jidhru lill-Appostli u jħabbru li "għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer"[10].

Il-Knisja Kattolika temmen li l-eżistenza tal-anġli hija ta' beneficċju għall-knisja kollha. Għaldaqstant issejjaħ l-għajnuna tagħhom f'diversi mumenti bħal fil-funerali fejn titlobhom sabiex iwasslu ruħ il-mejjet quddiem "Alla l-għoli", u tgħallem li kull Nisrani jingħatalu anġlu kustodju sabiex jipproteġih u jmexxih tul ħajtu kollha[11].

## *Rappreżentazzjonijiet ikonografiċi ta' anġli fl-armar ta' barra tal-festa tal-Mosta.*

Huma bosta x-xbihat ta' anġli li jintramaw fuq il-pedistalli tagħhom sabiex iżejjnu l-pjazza tal-Mosta fil-jiem li fihom il-belt tagħna tiċċelebra l-festa tal-Assunta. Minn idejn l-istatwarju Vincenzo Cremona (1851-1912) ħarġu l-erba' anġli magħrufa bħala 'tal-kuruna ż-żgħira' filwaqt li s-Senglean Karlu Darmanin (1825-1909) ħadem l-erba' anġli ferm artistiċi 'tal-kuruna l-kbira'[12]. Dawn it-tmien anġli tal-kartapesta kienu magħrufa b'dan l-isem għax dari kienu jżommu f'idejhom il-patallotti tal-kuruni li jinfetħu waqt il-purċissjoni ta' Santa Marija. Mis-snin sebgħin tas-seklu li għadda 'il quddiem dawn l-anġli bdew jintramaw bejn it-trufej tal-pjazza. Għalhekk f'id minnhom narawhom iżommu pilandri tal-metall, u fl-oħra simboli Marjani.

Sett t' erba' anġli oħra nħadmu aktarx minn Karmnu Mallia, magħruf bħala l-Lhudi, li kien lavrant ma' Karlu Darmanin[13]. Dawn saru sabiex iżejjnu l-kantunieri tal-palk (illum planċier) tal-banda li jintrama fil-pjazza fil-jiem tal-festa. Barra l-funzjoni dekorattiva tagħhom dawn l-anġli jintużaw sabiex idawwlu l-planċier billi f'idejhom iżommu pilandri tal-metall. Sa mill-festa tal-2010 'il quddiem stajna naraw dawn l-anġli fil-ġmiel kollu tagħhom wara li l-Grupp Armar Marija Assunta ħa ħsieb li jirrestawrahom u jaħdmilhom sett pilandri ġodda. Kemm ix-xogħol tar-restawr kif ukoll id-disinn tal-pilandri saru mis-Sur Renzo Gauci ta' Ħal Tarxien. Dan is-sett t'erba' anġli narawhom ukoll armati bil-pilandri u b'simboli ewkaristiċi, flimkien ma' tnejn oħra li jżommu l-gandilabri, fis-sepulkru nhar Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira.

Fil-wesgħa li hemm quddiem il-bieb tal-Uffiċċju Parrokjali fi Triq il-Kbira jintramaw tliet anġli żgħar tal-kartapesta, magħqudin flimkien, iżommu skrizzjoni li tgħid "Sultana Mtellgħa s-Sema" u Nome di Maria. Oriġinarjament it-tliet anġli nħadmu minn Karlu Darmanin fl-1902 sabiex jintramaw fuq il-fjokk tal-lampier il-prim tal-knisja. Fl-1974 dawn l-anġli ġew modifikati biex bdew jintramaw fuq barra kif għadna narawhom sal-lum[14].

Biswit dawn it-tliet anġli u ma' kull naħa tal-ark li jintrama f'tarf Triq l-Oratorju, sa mill-2011 'il quddiem, bdew jintramaw żewġ anġli żgħar oħra li kien ilhom ma jaraw id-dawl tax-xemx għal numru ta' snin. Dawn l-anġli jżommu f'idejhom simboli u skrizzjonijiet meħuda mill-innu tal-Inkurunazzjoni. Anġlu minnhom qiegħed iżomm bukkett fjuri żgħir u



tarka li tgħid "Xerrdu ħienja ward u fjuri", filwaqt li l-anġlu l-ieħor għandu xettru dehebieni u tarka oħra li fuqha hemm imniżżel "lir-Reġina tas-Smewwiet". F'restawr li sar fuq dawn l-anġli mill-Grupp Armar Marija Assunta u s-Sur Martin Gatt qabel il-festa tal-2011 instabet kitba fuq il-pedati ta' dawn l-istatwi li turi li dawn inħadmu minn Vincenzo Cremona[15].
L-istatwi tal-arkanġli San Mikiel u San Gabriel (li bosta kienu jaħsbuh San Rafel) flimkien ma' Sant'Anna u San Ġwakkin jiffurmaw is-sett ta' erba' statwi li jintramaw taħt iz-zuntier tar-Rotunda. Dawn l-istatwi lkoll huma xogħol ta' Karlu Darmanin u saru fl-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin[16]. Wara li fl-2010 il-Grupp Armar Marija Assunta flimkien mas-Sur Martin Gatt kienu ħadu ħsieb jirrestawraw l-istatwi ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, fl-2011 kien imiss l-istatwi ta' San Mikiel u San Gabriel. Il-proċess tar-restawr kien jinvolvi t-tiswija ta' dawk il-partijiet li sofrew ħsarat u t-tneħħija ta' għadd ta' passati ta' żebgħa li l-istatwi ingħataw tul is-snin. Fl-aħħar tal-proċess l-istatwi ġew miżbugħa bi skema ta' kuluri aktar addatata minn dik li kellhom qabel, li kompliet ħarġet is-sbuħija oriġinali tagħhom.

## *Tagħrif dwar San Mikiel u l-istatwa tiegħu*

L-istatwa ta' San Mikiel li sawwar Karlu Darmanin, turina l-arkanġlu mlibbes bl-armatura tal-gwerra fuq stil Ruman qiegħed b'ċertu serenità jgħaffeġ taħt siequ l-leminija serp oħxon li jissimbolizza x-xitan. Fuq l-armatura ta' lewn fiddien hemm impinġi s-simbolu tal-isem imqaddes ta' Ġesù (IHS). F'idu l-leminija l-arkanġlu qiegħed iżomm xabla, filwaqt li fl-id l-oħra għandu raġġiera li f'nofsha hemm il-kliem bil-Latin "Quis Ut Deus" (Min hu daqs Alla?), li hi riferenza diretta għal isem l-arkanġlu. Taħt l-armatura l-arkanġlu liebes libsa twila sal-irkoppa ta' lewn aħdar, li hu l-kulur assoċjat ma' dan l-arkanġlu, filwaqt li mantar ta' lewn aħmar skur, ilibbes spallejn l-arkanġlu u jibqa nieżel minn ma' daharu sal-pedata tal-istatwa.

L-ikonografija ta' San Mikiel imlibbes bħala gwerrier li jegħleb lid-dragun jew serp għandha għeruq antiki ferm. Fil-fatt l-ewwel rappreżentazzjoni ta' dan it-tip kienet tinsab fil-knisja magħrufa bħala l-Michaelion li l-imperatur Kostantinu kien bena f'Kalċedonja li tinsab fit-Turkija tal-lum. Din il-pittura, apparti li kellha messaġġ politiku[17], kienet imsejjsa fuq il-ktieb tal-Apokalissi fejn insibu miktub li "Mbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu tqabdu mad-Dragun"[18]. Barra minn hekk fit-Testment l-Antik, fil-ktieb ta' Danjel insibu tliet versi li jirreferu għal "Mikiel" bħala "il-prinċep il-kbir" li kellu r-rwol ta' protettur ta' Iżrael[19].

F'rabta ma' dak li nsibu miktub fl-iskrittura l-Knisja Kattolika tqis lil San Mikiel bħala gwerrier spiritwali li jmexxi l-qawwiet tat-tajjeb mhux biss fis-smewwiet iżda metaforikament anke fil-kunflitti interni li kull bniedem jgħaddi minnhom minn żmien għal żmien. F'dal-kuntest, il-Knisja tara ukoll f'San Mikiel il-protettur tagħha kontra t-theddid tal-qawwiet tal-ħażen. San Mikiel għandu wkoll konnessjoni mas-siegħa tal-mewt minħabba li hu kkunsidrat bħala dak l-anġlu li joffri l-aħħar opportunità għall-indiema lill-erwieħ tal-midinbin. F'konnessjoni oħra mal-mewt San Mikiel hu meqjus bħala l-anġlu li jwassal l-erwieħ għall-ġudizzju individwali, u għaldaqstant f'ċertu rappreżentazzjonijiet narawh iżomm il-miżien li jkejjel it-tajjeb u l-ħażin li wieħed ikun għamel f'ħajtu[20].

## *Tagħrif dwar San Gabriel u l-istatwa tiegħu*

L-istatwa ta' San Gabriel li naraw armata taħt iz-zuntier fil-jiem tal-festa turina lil dan l-arkanġlu f'poża



*L-istatwa ta' San Gabriel, maħduma minn Karlu Darmanin, wara r-restawr li sarilha fl-2011 (Ritratt: Grupp Armar Marija Assunta - Mosta).*



*L-istatwa ta' San Mikiel, maħduma minn Karlu Darmanin, wara r-restawr li sarilha fl-2011.*



ħelwa bil-piż ta' ġismu jserraħ fuq riġel wieħed u jħares l-isfel, l-istess bħal San Mikiel. Fl-id il-leminija San Gabriel għandu ġilju bajdani, filwaqt li bl-id l-oħra qiegħed iżomm fanal ta' lewn fiddien. Kemm il-ġilju abjad kif ukoll il-fanal huma simboli assoċjati ma' dan l-arkanġlu[21]. Kif ġie miżbugħ dan l-aħħar, San Gabriel huwa mlibbes b'kuluri li jfakkruna fil-Madonna. Fil-fatt l-arkanġlu għandu libsa bajda twila sal-art u mantar ta' lewn ikħal li jgħatti parti minn sider l-arkanġlu u jibqa' nieżel minn wara dahru sal-pedata tal-istatwa.

L-ikonografija Nisranija tagħtina bosta rappreżentazzjonijiet tat-tħabbira tal-anġlu Gabriel lill-Verġni Marija. F'għadd ta' pitturi naraw lill-anġlu Gabriel iżomm f'idejh ġilju bajdani, simbolu tas-safa tal-Verġni Marija. Darmanin ukoll għażel li jippreżentalna lil San Gabriel bil-ġilju f'idejh biex bħal donnu ifakkarna fil-misteru tal-inkarnazzjoni li propju seħħ fil-ġuf safi tal-Verġni Marija.

L-isem Gabriel ifisser "Alla hu qawwi". Fil-Bibbja dan l-arkanġlu jissemma' erba' darbiet: darbtejn fil-Ktieb ta' Danjel, fejn huwa jagħti spjegazzjoni ta' dehra li kellu l-profeta Danjel u fejn jagħmel il-profezija messjanika tas-Sebgħin ġimgħa[22], u darbtejn oħra fl-Evanġelju ta' San Luqa. F'dan l-Evanġelju l-ewwel naraw lill-arkanġlu Gabriel iħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista lil Żakkarija fejn jiddikjara għaliex kien mibgħut "Jiena Gabriel, li qiegħed quddiem Alla. Hu bagħatni nkellmek u nwassallek din il-bxara t-tajba." Aktar tard l-arkanġlu Gabriel iwassal il-bxara t-tajba lil Marija ta' Nażaret, filwaqt li jsellimilha bil-kliem li għadna ntennu ma' kull Ave Maria: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"[23].

Fid-dawl ta' dak li hemm miktub dwar San Gabriel fl-iskrittura mqaddsa l-Knisja Kattolika tqis lil dan l-arkanġlu bħala l-qaddis patrun tal-messaġġiera u ta' dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-komunikazzjoni. Il-festa ta' San Gabriel flimkien ma' San Mikiel u San Rafel (ilkoll arkanġli) tiġi ċċelebrata fid-29 ta' Settembru[24].

## *Konklużjoni*

Fil-jiem għeżież tal-festa tal-Assunta l-pjazza tal-Mosta tkun armata b'mhux inqas minn dsatax – il figura ta' anġlu, li bħal donnhom jittrasformaw dan l-ispazju mundan f'estensjoni tal-Ġenna. Dan għandu jservina ta' għajnuna biex nagħrfu dejjem aktar x'inhu l-iskop veru tal-festa li qed niċċelebraw biex b'hekk ikollna atteġjament li hu msejjes fuq valuri tassew Insara. Hekk biss inkunu nistgħu ngħidu li għamilna festa kbira kif tixraq lil Ommna Marija. Nawguralkom il-festa t-tajba. Viva Santa Marija, patruna tal-Mostin kollha.

---

**Riferenzi:**

1 Katekiżmu tal-Knisja Kattolika - http://www.vatican.va/archive/ccc_css/archive/catechism/p1s2c1p5.htm
2 Ġenesi 3:24
3 Ġenesi 19
4 Ġenesi 23:10
5 Ġenesi 21:17
6 Eżodu 23:20-22
7 Imħallfin 6:11-24
8 Dan l-iben imwiegħed kien Sansun. Imħallfin Kap.13.
9 Isaija 6:3
10 http://www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/audiences/alpha/data/aud19860730en.html#tocA1
11 Katekiżmu tal-Knisja Kattolika - http://www.vatican.va/archive/ccc_css/archive/catechism/p1s2c1p5.htm
12 Borg Joseph 2002. "L-istatwi li narmaw fil-pjazza għall-festa tal-Assunta" artiklu fil-fuljett Mill-Maħżen tal-Armar, Harġa Nru. 3, Grupp Tiżjin Festa Santa Marija, Mosta.
13 Ibid.
14 Borg Joseph 2009. 'Tislima lil Karlu Darmanin F'Għeluq il-Mitt sena minn mewtu artiklu fil-fuljett Mill-Maħżen tal-Armar, Harġa Nru. 24, Grupp Armar Marija Assunta, Mosta.
15 Grupp Armar Marija Assunta, Mosta - Fuljett tal-festa 2011.
16 Borg Joseph 2002. "L-istatwi li narmaw fil-pjazza għall-festa tal-Assunta" artiklu fil-fuljett Mill-Maħżen tal-Armar, Harġa Nru. 3, Grupp Tiżjin Festa Santa Marija, Mosta.
17 Din il-pittura kienet tfakkar ir-rebħa li l-Imperatur Kostantinu għamel fuq ir-rivali tiegħu Liċinju f'battalja li seħħet qrib Kalċedonja fis-sena 324. Kostantinu kien jara lil Liċinju bħala aġent tax-xitan u kien jassoċjah mad-dragun li jissemma fl-Apokalissi - http://en.wikipedia.org/wiki/Michaelion
18 Apokalissi 12:7
19 Danjel 10:13, 10:21 u 12:1
20 http://www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=308
21 Danjel Kap.8, 9
22 http://en.wikipedia.org/wiki/Archangel
23 Luqa Kap.1
24 http://www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=279